MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2004

Citazzjoni Numru. 988/2002

**Gamil Merges**

**vs**

**Michelina Micallef**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 30 ta' Awissu 2002 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-
Illi l-kontendenti zzewgu nhar it-22 ta' Frar, 1996;

Illi miz-zwieg twieldet tifla bl-isem ta' Romina li ghadha minuri.

Illi l-konvenuta, kemm qabel, kif ukoll wara z-zwieg kienet qeghda tabita ma' konkubin certu Amabile Buttigieg;

Illi l-konvenuta kellha erbat itfal ohra minn relazzjoni jew relazzjonijiet ohra qabel ma zzewget lill-attur;

Illi precizament wara z-zwieg, l-attur mar joqghod ma’ l-istess konvenuta u Amabile Buttigieg;

Illi fi zmien li gie kkontrattat iz-zwieg bejn il-kontendenti, il-konvenuta kellha relazzjonijiet ma’ zewg irgiel differenti, u cjoe`  l-attur u dan Amabile Buttigieg;

Illi sussegwentement, l-attur ghamel separazzjoni konsenswali minn mal-konvenuta hekk kif jirrizulta mill-kuntratt ta’ separazzjoni hawn annessa u mmarkat bhala Dok.  “GM1”;

Illi l-imsemmi zwieg ghalhekk huwa ivvizzjat *ai termini* ta’ l-**artikolu 19 (1) (c), (d) u/jew (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

Illi l-istess attur talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet fuq premessi:-

1. Tiddikjara null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi z-zwieg bejn il-kontendenti.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li tibqa’ ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda a fol. 4 tal-process;

Rat il-kuntratt ta’ separazzjoni datat 6 ta’ Gunju 2001;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuta datata 29 ta’ Novembru 2002 fejn gie eccepit:-

1. Illi d-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt *stante* li hija ma kenitx konkubina ta’ Amabile Buttigieg imma antecedentement kienet mizzewga lil Amabile Buttigieg, liema zwieg kien gie dikjarat null mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili b’sentenza tad-19 ta’ Dicembru 1995, Cit.

Nru. 676/94 (VDG) fl-ismijiet **“Michelina Micallef vs Amabile Micallef.”**

2. Illi sussegwentement ghad-dikjarazzjoni ta’ annullament taz-zwieg taghha hija zzewget lil Gamil Merges fit-22 ta’ Frar 1996 li kien diga` konviventi taghha.

3. Illi Gamil Merges ftit wara z-zwieg beda relazzjonijiet extra-maritali ma’ certu Moufida Zdiri u anke ha minn flus martu s-somma ta’ mitejn lira Maltija (Lm200) biex din habibtu tista` tibqa` Malta u taghmel zwieg ta’ konvenjenza ma’ certu Vincent Mattocks.

4. Illi hija hemmhekk, irrealizzat illi Gamil Merges izzewwigha biex jiehu c-cittadinanza Maltija u biex ikun jista` jibqa` jghix hawn Malta meta minn dejjem huwa qatt ma kellu l-intenzjoni li jizzewwigha u jkun ir-ragel taghha kif ghandu jkun.

5. Illi z-zwieg tal-konvenuta huwa null mhux ghar-ragunijiet kif moghtija mill-attur imma minhabba li huwa qatt ma kellu ntenzjoni li jizzewweg lill-konvenuta imma zzewwigha ghal skopijiet ta’ konvenjenza biex jiehdu c-cittadinanza Maltija biex ikun jista` jibqa` jghix Malta u biex eventwalment jista` jikkonvivi ma’ Moufida Zdiri u ghalhekk hija qed taghmel kontro-talba biex iz-zwieg taghha jigi ddikjarat null b’tort ta’ l-attur rikonvenzjonat;

6. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta a fol. 18;

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti esebiti a fol. 18;

Rat il-**kontro-talba** tal-konvenuta a fol. 19 fejn talbet:-

1. Illi l-kontendenti ppartecipaw f’cerimonja taz-zwieg fir-Registru Pubbliku, l-Belt Valletta, fit-22 ta’ Frar 1996.

2. Illi l-kunsens ta’ l-attur rikonvenzjonat kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni tal-gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet taghha jew

b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghall-kontendenti li jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali ghaz-zwieg;

3. Illi l-attur rikonvenzjonat qatt ma kellu ntenzjoni li jghix mal-konvenuta rikonvenzjonata u dan *stante* illi l-motiv principali biex jizzewweg lill-konvenuta kien li huwa jakkwista c-cittadinanza Maltija biex ikun jista` jibqa` jghix u jahdem Malta;

4. Illi l-konvenuta kienet diga` gabet l-annullament taz-zwieg taghha minn ma' Amabile Buttigieg u dan skond sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza Cit. Nru. 676/94 (VDG) fl-ismijiet **"Michelina Micallef vs Amabile Micallef"** deciza fid-19 ta' Dicembru 1995 kopja taghha hawn annessa u mmarkata bhala Dok. "A";

5. Illi l-konvenuta kienet diga` konviventi ma' l-attur rikonvenzjonat;

6. Illi huma zzewgu fit-22 ta' Frar 1996 u sena wara huwa gab cittadinanza Maltija u dan fl-inqas terminu li kien stabbilit fil-ligi.

7. Illi wara li huwa gab l-imsemmija cittadinanza Maltija, l-konvenuta rikonvenzjonata rrealizzat li l-attur rikonvenzjonat kellu relazzjoni extra-maritali ma' diversi nisa u mbaghad ma' Moufida Zdiri.

8. Illi huwa wkoll irranga z-zwieg ta' konvenjenza ta' Moufida Zdiri ma' Vincent Mattocks pero` baqa` jghix huwa ma' Moufida Zdiri.

9. Illi dan iz-zwieg huwa null minhabba difett serju ta' diskrezzjoni da parti ta' l-attur rikonvenzjonat.

Illi ghalhekk, il-konvenuta rikonvenzjonata talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg kontrattat bejn il-kontendenti fit-22 ta' Frar 1996 huwa null u bla effett fil-ligi u dan tort ta' l-attur rikonvenzjonat prevja kull dikjarazzjoni

necessarja *ai termini* ta’ l-Att taz-Zwieg ta’ l-1975, Att XXXVII.

2. Tiddikjara u tiddeciedi u tordna illi l-effetti taz-zwieg validu kienu jezistu sa llum meta n-nullita` taz-zwieg issir *res judicata* u dan *ai termini* ta’ l-**artikolu XX ta’ l-Att XXXVII ta’ l-1975**.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni ta’ l-attur rikonvenzjonat ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta rikonvenzjonata (a fol. 20);

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta rikonvenzjonata u d-dokumenti esebiti a fol. 21;

Rat il-verbal tas-seduta tat-8 ta’ Jannar 2003 fejn Dr. Edward Zammit Lewis ta ruhu b’notifikat bil-kontro-talba tal-konvenuta u rrimetta ruhu; inghata digriet ta’ l-affidavits tal-partijiet b’terminu ta’ erbghin (40) gurnata;

Rat in-nota tal-konvenuta datata 28 ta’ Marzu 2003 fejn permezz taghha esebiet l-affidavit taghha stess u ta’ Dr. Edward DeBono;

Rat in-nota ta’ l-attur datata 22 ta’ April 2003 fejn permezz taghha pprezenta l-affidavit tieghu stess u ta’ Ashraf Saadella;

Rat il-verbal tas-seduta tas-6 ta’ Mejju 2003 fejn gie nominat Dr. Paul Farrugia bhala Assistent Gudizzjarju;

Rat is-seduti mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju;

Rat il-verbal tas-seduta tat-8 ta’ Ottubru 2003 u tal-5 ta’ Frar 2003 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-lum;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (i) PRINCIPJI LEGALI.

Illi l-attur qed jibbaza t-talba tieghu fuq l-**artikolu 19 (1) (c), 19 (1) (d) u 19 (1) (f) tal-Kap.255**. L-**artikolu 19 (1) (c)** jghid li zwieg ikun null *"jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewwga"*. Din id-dispozizzjoni hi kwazi identika fil-formulazzjoni taghha ghall-**Kanone 1098 tal-Kodici ta' Dritt Kanoniku** vigenti u hu evidenti li d-dispozizzjoni fil-ligi taghna giet ispirata mill-istudji preparatorji u mill-abbozzi tal-Kodici Kanoniku gja' ezistenti fl-1981, cjoe' qabel ma l-imsemmi Kodici gie effettivament promulgat. Kif din il-Qorti kellha okkazjoni li tikkummenta fis-sentenza taghha ta' l-4 ta' Novembru 1994 fil-kawza fl-ismijiet **"Angela Spiteri xebba Selvaggi vs Joseph Spiteri"**, l-**artikolu 23 tal-Kap. 255** ma huwiex ta' ostakolu li ssir referenza ghad-dottrina u l-gurisprudenza kanonika bhala fonti ta', u ghajnuna ghall-interpretazzjoni tad-dispozizzjoni in ezami, u dan bhalma l-fatt li ligijiet ta' pajjizi ohra ma humiex parti mill-ligi ta' pajjizna ma hux ta' ostakolu li ssir referenza ghal dawk il-ligijiet u ghall-gurisprudenza ta' dawk il-pajjizi ghall-finijiet ta' nterpretazzjoni tal-ligi domestika.

Illi l-qerq ravvizat fid-dispozizzjoni ta' l-**Artikolu 19 (1) (c) tal-Kap. 255** jincidi <u>direttament</u> fuq l-intellett ta' xi wahda mill-partijiet fiz-zwieg u <u>ndirettament</u> fuq il-volonta' tal-persuna ngannata. F'din id-dispozizzjoni, ghalhekk, dak li jintlaqat direttament mhux il-kunsens, izda l-intellett. Kif jispjega l-gurista ***Jose' Castano***:-

*"Il dolo causa direttamente errore nell'intelletto del paziente, il quale <u>ex errore</u> consente. Con la particella ex vogliamo significare l'immediata causalita' dell' errore sul consenso. L'atto di consentire pero' e' atto entittivamente di volonta"*. ***(Il Sacremento del Matrimonio, Roma, 1992, p. 357)***. Dan il-qerq jista' jigi kemm minn wahda mill-partijiet fiz-zwieg kif ukoll minn terza persuna. *"In*

*definittiva, quello che conta e che il dolus abbia influsso nel consenso, cioe' che il consenso matrimoniale provenga dall' errore doloso, senza il-quale il consenso non sarebbe mai stato espresso"* (op. cit. P. 358).

Illi biex tissussisti s-sitwazzjoni ravvizata fil-paragrafu in dizamina iridu jikkonkorru erba' affarijiet:-

i) il-qerq perpetrat bil-hsieb li wiehed jikseb il-kunsens tal-parti;

ii) li l-qerq ikun incida fuq il-kunsens tal-parti;

iii) li l-qerq ikun jirrigwarda xi kwalita' tal-parti l-ohra; u

iv) li din il-kwalita' tkun tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga.

Illi l-attur jibbaza wkoll l-azzjoni tieghu abbazi ta' l-**artikolu 19 (1) (f)** jipprovdi li zwieg ikun null:-

*"jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, new ta' xi wiehed jew aktar mill-elemnti essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg"*.

Illi ma hemmx dubbju li l-legislatur Malti, meta fformula dan il-paragrafu, kellu quddiemu l-izvilupp gurisprudenzali u dottrinali fil-kamp tad-Dritt Kanoniku sal-1981, cjoe' meta l-**artikolu 19** allura ezistenti fil-ligi taghna gie sostitwit bl-**artikolu 19** vigenti illum. In fatti jekk wiehed jara l-inciz (2) tal-**kanone 1101 tal-Kodici ta' Dritt Kanoniku** promulgat sentejn wara dawk l-emendi fil-**Kap. 255**, wiehed isib li dan l-inciz hu kwazi identiku ghall-ligi taghna:

*"At si alterutra vel utrague pars positivo voluntatis actu excludat matrimonium ipsum vel matrimonii essentiale aliqudo elementum, vel essentialem aliquam proprietatem, invalide contrhit".*

Illi hawn qeghdin fil-kamp tas-simulazzjoni, u cjoe’ meta l-atti, gesti jew kliem esterni ma jikkorrispondux ghall-kunsens intern li jkun qed jinghata. L-awturi jitkellmu dwar *consensus simulatus* jew *consensus fictus*. Din is-simulazzjoni tista’ tkun jew totali jew parzjali. Kif jispjega l-awtur ***Castano (Castano, J.F.,*** **Il Sacramento del Matrimonio, Roma, 1992):-**

*“In generale si parla di* *__exclusio totale__* *e di* *__exclusio partiale__*. *La prima sarebbe la esclusione della “totalita” matrimoniale, cioe’ del* *__matrimonium ipsum,__* *mentre la seconda si riferisce al matrimonio solo “parzialmente”, vale a dire ad* *__essentiale matrimonii aliquod elementum__* *e ad* *__essentialem aliquam proppriet atem.__* *Ad ogni modo, si tratta della esclusione totale o della esclusione parziale, per quanto riguarda l-effetto sulla validita’ del matrimonio, non c’e’ nessuna differenza, giacche’ il matrimonio in ambedue I casi e’ sempre invalido.”* (op. Cit. P.382)

Illi tezisti simulazzjoni totali meta l-kontraent esternament ikun qed jaghmel atti li ma jkunux in konformi mal-volonta` tieghu interna. Per ezempju, meta wiehed *“in no way consents to marriage”*. (**Bejan** 29 ta’ Lulju, 1970) jew *“when he positively does not intend to give his consent while he can.”* (**Abbo** 8 ta’ Frar 1968) jew meta wiehed *“does not have the intention of contracting marriage but wishes to put on an act”.* (***Pausilla*** 18 ta’ Dicembru,1980).

Illi d-decizjonijiet Rotali ohra osservaw li simulazzjoni totali taz-zwieg jista’ jsehh ukoll *“when a person excludes either marriage itself or his or her spouse.”* (***Mercieca*** 15 ta’ Lulju 1973) (***Ferraro*** 26 ta’ April, 1978).

Illi simulazzjoni totali tezisti wkoll meta hemm inkluz element kuntrarju ghaz-zwieg. Ezempju ta’ dan huwa meta bniedem jizzewweg *”for his own purposes which are different from marriage.”* (***Rogers*** 11 ta’ Novembru, 1993). Wiehed jista’ jizzewweg ghal ragunijiet personali u soggettivi *(finis operantis et extraneus)*. Dawn ir-ragunijiet jistghu ma jikkoincidux ma’ dawk taz-zwieg innifsu *(finis operis)*. Jekk iz-zewg motivi jikkoezistu ghaliex wahda ma teskludix lill-ohra allura m’hemmx simulazzjoni u tali zwieg

huwa validu. Mill banda l-ohra jekk wiehed jizzewweg bil-hsieb ewlieni tal-motivi soggettivi tieghu ad eskluzjoni tal-motivi taz-zwieg innifsu allura dak iz-zwieg huwa null.

Illi fil-ligi taghna mkien ma nsibu elenkati x'inhuma l-elementi essenzjali tal-hajja mizzewwga pero' huwa principju rikonoxxut fis-socjeta' Maltija li z-zwieg kif nifmuh ahna ghandu a bazi tieghu l-element ta' esklussivita', cjoe' dik il-fedelta reciproka li l-partijiet jaghtu u jweghdu lil xulxin *(Bonum Fidei).*

Ghalhekk meta parti tidhol ghaz-zwieg tkun waqt il-hin tal-kunsens qeghda taghti lilha nnifisha lill-parti l-ohra u b'hekk qed teskludi relazzjonijiet ma' terzi persuni. Punti iehor li jrid jigi sollevat in ezami ta' dan is-sub-inciz huwa li l-ligi titkellem dwar eskluzjoni pozittiva. Huwa accettat fil-Gurisprudenza taghna li sabiex jigi sodisfatt dan ir-rekwizit m'hemmx bzonn li tali eskluzjoni tkun wahda sfaccata, l-intenzjoni ta' l-eskluzjoni tista' tkun wahda percepibbli minn azzjonijiet impliciti. Gurisprudenza nostrana tammetti li hemm distinzjoni bejn id-dritt ghall-fedelta' u l-abbuz ta' dan id-dritt. Ghalhekk relazzjonijiet extra konjugali wara z-zwieg ma jikkontribwixxux wahedhom argument ghan-nullita'.

Illi lanqas ma jirrizulta f'nullita' meta wiehed mill-partijiet jiehu decizjoni <u>wara</u> z-zwieg li jnehhi jew jimmodifika d-dritt ghall-fedelta' gja' moghti fil-kunsens taz-zwieg. Minkejja dan, relazzjonijiet extra konjugali ghandhom jigu meqjusa bis-serjeta' ghaliex jistghu jkunu <u>rizultat</u> ta' kunsens limitat minhabba simulazzjoni parzjali. *"We must take care not to consider lightly such a strong indication since more often than not, it could be a certain sign that the obligation of fidelity has not been assumed."* (***Pompedda,*** 7 ta' Lulju 1972).

Illi dak li jrid jigi ppruvat, sal-grad li trid il-ligi taghna fil-kamp civili, hu li fil-mument ta' l-ghoti tal-kunsens matrimonjali parti wahda jew it-tnejn kellha jew kellhom il-hsieb maghmul li ccahhad lill-parti l-ohra mid-dritt kif aktar 'l fuq imfisser *ossia* li tonqos mid-dover korrispondenti. Tali prova tista' ssir permezz ta' dikjarazzjonijiet f'dan is-

sens – basta li l-Qorti tqishom, <u>fic-cirkostanzi kollha tal-kaz</u>, li jkunu attendibbli, kif ukoll minn cirkostanzi antecedenti, konkomittanti u sussegwenti ghall-ghoti tal-kunsens, cjoe' ghaz-zwieg.

Illi l-artikolu **19 (1) (d)** jipprovdi li zwieg ikun null jekk *"vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg"*.

Illi b'difett serju ta' diskrezzjoni, il-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' mmaturita' li parti jew ohra fiz-zwieg tista' tkun fiha fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku. Li kieku l-legislatur irrikjeda maturita' shiha u perfetta, ftit jew addirittura ebda zwieg ma kien ikun validu. In-nuqqas ta' <u>*discretio judicii*</u> hu kuncett guridiku ntrinsikament marbut mal-kapacita' ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti l-kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg.

Illi kif jispjega ***Bersini**,* id-diskrezzjoni ta' gudizzju tikkonsisti f'zewg elementi distinti izda konkorrenti u interdipendenti:-

*"la piena avvertenza e il deliberato consenso …. La piena avvertenza si riferisce alla sfera intellettiva, il deliberato consenso a quella volitiva. In altri termini, la discrezione di giudizio comprende la maturita' di giudizio e la maturita' affettiva…. La maturita' di giudizio comporta una conoscenza critica proporzionata all'atto da compiere, agli oblighi essenziali da assumersi e ai doveri cognugali che ne derivano proiettati nel futuro. La maturita' affettiva comporta generalmente quella adequata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emotivita' che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta' e possono privare della libera scelta interiore. Abbiamo cosi' una mancanza di consenso libero (immaturita' affettiva) e ponderato (immaturita' di giudizio)"* ***(Bersini. F.,*** **<u>Il Diritto Canonico Matrimoniale</u> (Torino, 1994)**, p. 97.)

Illi l-istess awtur ikompli jispjega li *"e necessaria la discrezione non tanto per l'atto in se, al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni per il futuro. Ovviamente si richiede una ponderazzione degli impegni sostanziali del matrimonio e non di tutto il suo valore etico religioso, sociale, giuridico ed economico, altrimenti ben pochi sarebbero in grado di emettere un valido consenso. Ogni volta che i contraenti abbiano raggiunto l'eta prescritta dal legislatore per poter contrarre matrimonio, si presume che essi siano in possesso della debita discrezione di giudizio; tale presunzione, tuttavia, ammette prove in contrario. Pertanto, qualora si possa dimostrare, per qualsiasi motivo, la capacita' intellettiva e volitiva sopra descritta sia gravemente alterata o ad dirittura mancante, si dovra' ritenere che il vincolo matrimoniale sia nullo per difetto di discrezione di giudizio. "……..se il soggetto non e' in grado di superare (i) condizionamenti interiori, allora si dira' che la scelta di lui non e stata libera; In ogni caso, i nubenti debbono aver coscienza di assumere vere obbligazioni (e reciprocamente di concedere veri diritti) di creare cioe' col matrimonio un patto che vincola a un comportamento idoneo e adeguato alla specifica societa' coniugale, sia nei rigwardi dell' altra parte sia nei rigwardi della parole"* ***(Pompedda, MF.,*** **Incapacita' di Natura Psichica in Matrimonio Canonico: Fra Tradizione e Rinnovamento (Bologna, 1991)**, pp. 231, 233).

Illi l-awtur ***Viladrich*** jispjega li:-

*"The discretion of judgment refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring"* ***(Viladrich, P.J.,*** **Matrimonial Consent in Code of Cannon Law Annotated (Montreal, 1993)**, p. 686).

Illi minn naha taghha l-konvenuta fil-kontro-talba taghha bbazat l-azzjoni taghha ukoll fuq l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255.**

**(II) APPREZZAMENT TAL-PROVI.**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-konvenuta kienet qabel mizzewga lil Amabile Buttiegieg, izda z-zwieg taghha kien gie dikjarat null b'sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet **"Michelina Micallef vs Amabile Buttigieg"** (P.A. (VGD) 19 ta' Dicembru 1995).

Illi jirrizulta wkoll mix-xhieda ta' l-istess konvenuta, u senjatament mix-xhieda ta' l-Avukat taghha Dr. Edward Debono fl-affidavit tieghu datat 28 ta' Marzu 2003 li qal li ghalkemm wissa lill-attrici sabiex wara l-esperjenza li kellha ma tidholx fi zwieg ta' malajr ma' l-attur anke peress li kellha tlieta mill-erba' wlied taghha bi bzonnijiet specjali u wkoll peress li l-attur kien Gharbi u *"peress li hafna Gharab li kienu jigu Malta illegalment kif del resto gie Gamil u sab rifugju fid-dar ta' Mikelina Micallef kienu jgu hawn bl-intiza li jidhlu fiz-zwieg ta' konvenjenza biex ikunu jstghu jahdmu Malta legalment u jgibu c-cittadinanza Maltija".*

Illi minn naha taghha l-attrici tghid li wara l-annullament minn ma' zewgha hija qabdet relazzjoni mal-konvenut li kien beda' jghix fid-dar taghha fejn kien joqghod ukoll l-istess Amabile Buttigieg, li skond hija ma kellhiex relazzjonijiet intimti mieghu, izda biss ma' l-attur. Fil-fatt kellha tifla minn din ir-relazzjoni taghha ma' l-attur li kienet bdiet tlett snin qabel ma zzewget lill-attur. Tghid li qalet lill-attur li kellu jiehu hsieb it-tfal taghha u lill-*ex zewgha* peress li skond hija dan kellu *"intelligenza taht in-normal".* Dan fil-fatt irrepetieh l-Avukat Dr. Edward de Bono fl-affidavit tieghu, izda tghid il-konvenuta, li wara xi sena mill-istess zwieg, u wara li l-attur akkwista c-cittadinanza Maltija dan beda' johrog wahdu u jfittex nisa ohra u fil-fatt illum qed jghix ma' certu Moufida Zdiri li skond hija zzewget ukoll ghall-konvenjenza lil certu Vincent Mattocks u kienet qed tistenna li ggib ic-cittadinanza Maltija. Tghid li l-attur hadilha elfejn lira Maltija (Lm2,000) biex jaghtihom

lil din il-mara, u wkoll li lanqas biss imantni lil bintu. Tghid li l-istess minuri frott tar-relazzjoni taghha ma’ l-attur giet registrata fuq Amabile Buttigieg u ghalkemm qalet lill-attur sabiex jirrikonoxxiha dan baqa’ ma ghamlux.

Illi minn naha tieghu l-attur jghid li ltaqa’ mal-konvenuta fis-sena 1994. Jghid li kien jikri post minghandha u fil-fatt beda` relazzjoni maghha tant li kellhom tifla li twieldet fil-5 ta’ Jannar 1995. Qal li riedet tizzewgu minkejja li kienet ghada mizzewga lil Amabile Buttigieg, u *nonostante* l-fatt li huwa qalilha li kellu tfajla l-Egittu u ried jizzewweg lill din it-tfajla. Meta gabet l-annullament minn ma’ zewgha qaltu li setghu jizzewgu u hekk ghamlu izda minflok marret toqghod mieghu qaltlu biex imur jghix maghha fid-dar taghha fejn kienu joqghodu wlieda u wkoll Amabile Buttigieg. Jghid li l-istess konvenuta baqghet torqod ma’ Amabile Buttigieg sabiex dan ma jindunax li huma kienu izzewgu. Huwa jghid li ma setax jaccetta dan u hija tefghatu ‘l barra bi hwejjgu u jghid li qed joqghod fil-*garage* li hemm mad-dar. Huwa telaq u ghamel din il-kawza.

Illi in kontro-ezami, jghid li huwa Egizzjan u kien ilu Malta mis-sena 1992 u kien baqa’ Malta wara li skaditlu l-*visa*. Jghid li ha ritratti ma’ mara ghaliex hallasha ghoxrin lira Maltija (Lm20) biex tiehu dawn u mhux ghaliex kellu x’jaqsam maghha. Wara li telaq mid-dar tal-konvenuta jammetti li kellhu relazzjoni ma’ certu Mufida. Jghid li kien kostrett jizzewweg lill-konvenuta mill-konvenuta stess. Wara z-zwieg kien applika ghac-cittadinanza ghaliex ried joqghod Malta, u qal *“kulhadd jaghmel hekk, ghaliex hekk qeghda l-ligi”.*

Illi fl-opinjoni ta’ din il-Qorti ma hemm l-ebda dubju li abbazi tal-provi prodotti jirrizulta li dan kien zwieg ta’ konvenjenza u l-attur izzewweg lill-konvenuta sabiex huma jkun jista’ jakkwista c-cittadinanza Maltija u li jkun jista’ joqghod Malta, u dan wara li kien jinsab Malta illegalment ghaliex kienet skaditlu l-*visa* wara li gie l-ewwel darba Malta fis-sena 1992. Illi jirizulta ghalhekk li l-kunsens ta’ l-attur kien vizzjat abbazi ta’ l-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255** u wkoll ghaliex jidher car anke mix-xhieda

tieghu li huwa zzewweg lill-konvenuta ghall-konvenjenza tieghu tant li qabel iz-zwieg jghid li huwa kellu tfajla l-Egittu li kien ser jizzewweg, u b'dan qal lill-konvenuta, u wkoll ghaliex xehed li huwa kien kostrett jizzewweg lill-konvenuta, ghalkemm kif kien kostrett jaghmel dan huwa misteru f'din il-kawza, hlief forsi ghall-fatt li gja kellu tarbija minnha, izda li sa llum ma jidhirx li rrikonoxxa formalment, ghalkemm jammetti li kellhu tifla mal-konvenuta. Illi jirrizulta mill-provi ukoll li l-istess attur ma' kellu l-ebda impenn la ta' fedelta' u lanqas ta' familja u fil-fatt lanqas biss qed imantni lil bintu, li lanqas biss irrikonoxxa formalment u ghalhekk jirrizulta li l-kunsens tieghu kien vizzjat ukoll abbazi ta' l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255.**

Illi minn naha tal-konvenuta jidher li l-kunsens taghha wkoll kien ivvizjat u dan peress li ftit gimghat wara s-sentenza ta' annullament taz-zwieg taghha minn ma' Amabile Buttigieg fid-19 ta' Dicembru 1995, hija zzewget lill-attur fit-22 ta' Frar 1996, u dan minkejja t-twissijiet cari lilha mill-Avukat taghha Dr. Edward de Bono, tant li kif l-istess sentenza ghaddiet in gudikat, iz-zwieg ma' l-attur sar mill-ewwel. Dan sar meta l-konvenuta gja kellha diversi ulied u kienet tghix ma' l-istess *ex zewgha* fid-dar taghha, ghalkemm hija tghid li ma kellhiex iktar x'taqsam mieghu, vantazzjoni li hija kontradetta mill-istess attur b'mod konsistenti. Certament li ambjent ta' dan it-tip hawn deskritt irendi kull kuncett ta' hajja komunali mhux biss improbabbli, izda wkoll insostenibbli, u din il-Qorti thoss li l-konvenuta kienet ben konxja ta' l-intenzjonijiet ta' l-attur sa mill-bidu nett tar-relazzjoni taghha mieghu, u ghalhekk il-kunsens taghha kien vizzjat minhabba difett ta' deskrizzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewwga, liema difett ghamilha mpossibbli ghaz-zewg partjiet li jaqdu l-obbligi taghhom rispettivi fiz-zwieg. Illi l-mod kif l-istess konvenuta dahlet f'dan iz-zwieg b'ghaggla liema bhala hekk kif is-sentenza ta' l-annullament taghha taz-zwieg ma' Amabile Buttigieg ghaddiet in gudikat hija verament impressjonanti u d-dubji espressi mill-Avukat taghha f'dan ir-rigward kienu tassew flokhom, izda hija injorat dan kollu u ssugeriet li l-attur u l-*ex* ragel taghha jghixu flimkien taht l-istess saqaf, kif fil-fatt sar, arrangament li jimmilita kontra

l-kuncett ta’ familja fis-sens tradizzjonali u normali ta’ l-istess kelma fis-socjeta’ taghna.

Illi ghalhekk din il-Qorti thoss li l-kunsens tal-konvenuta kien ukoll vizzjat abbazi ta’ l-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta,** bhal ma fuq kollox kien dak ta’ l-attur.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta in kwantu l-istess huma b’xi mod inkompatibbli ma’ dak hawn deciz, **tilqa’ t-talba attrici** biss fiss-sens hawn deciz b’dan illi:-

1. Tiddikjara null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi z-zwieg bejn il-kontendenti datat 22 ta’ Frar 1996 u dan ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet abbazi ta’ l-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

Bl-ispejjez jinqasmu bin-nofs bejn iz-zewg partijiet.

Ghar-rigward tal-**kontro-talba tal-konvenuta**, din il-Qorti **taqta u tiddeciedi,** billi ukoll fin-nuqqas ta’ eccezzjonijiet ta’ l-attur ghall-kontro-talba tal-konvenuta, **tilqa’ t-talbiet tal-konvenuta fil-kontro-talba taghha** biss fis-sens hawn deciz b’dan illi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg kontrattat bejn il-kontendenti fit-22 ta’ Frar 1996 huwa null u bla effett fil-ligi u dan tort taz-zewg partijiet abbazi ta’ l-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

2. Tiddikjara u tiddeciedi u tordna illi l-effetti taz-zwieg validu kienu jezistu sa llum meta n-nullita` taz-zwieg isir *res judicata* u dan *ai termini* ta’ l-**artikolu XX ta’ l-Att XXXVII ta’ l-1975**.

Bl-ispejjez jinqasmu bin-nofs bejn iz-zewg partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------